KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Settembru 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sebgha u Erbghin (47) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-sebgha u erbghin (47) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm.**

Is-sebgha u erbghin (47) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Proposta ta' Bye-Laws dwar Attivitajiet fil-Berah
6. Attivitajiet tal-massa fuq il-Fosos
7. FlorianaFest 2010
8. Użu tal-Piċċ Sintetiku tal-Futbol
9. Għażla tal-Offerti : Provvista ta' Bins
10. Lejliet l-Ewwel tas-Sena
11. Tindif Pubbliku fil-Floriana
12. Zvilupp ghal Cruiseliners f'Barriera Wharf
13. Zjara tal Banda Salvadei ta' Macerata fil-Floriana
14. Ħwejjeg Oħra
15. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-sebgha u erbghin (47) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-minuti tas-sitta u erbghin (46) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet korrezzjoni ghal materja numru 13.6 billi giet taqra : "issuggerit li jekk ma jkunx hemm supervizjoni, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa jibda' jinfetah biss ghall-kiri".

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjoni indikata f'1.2 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li f'dawn l-ahhar granet kien gie avvicinat minn xi residenti rigward il-permessi tal-iskema ta' parkegg residenzjali u ssuggerixxa li jinbidlu uhud mir-regoli ta' din l-iskema. Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li f'kazijiet fejn resident ikun qed jissellef karozza li ma tkunx irregistrata fuq ismu, il-Kunsill johrog permess revokabbli, dejjem fuq prezentazzjoni ta' licenzja tas-sewqan valida u wara li jittiehed affidavit li l-karozza qeghda tkun ghall-uzu personali tar-resident biss. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni tal-hrug ta' permessi specjali, u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, ET, VB, FD, SSH)
Kontra: 0

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Raymond Miller li lmenta dwar spralli fi Triq Sir Luigi Preziosi li qeghdin f'pozizzjoni vertikali u li jistghu ikunu kemm ta' periklu kif ukoll ta' dannu ghall-vetturi. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu azzjoni dwar dan l-ilment.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Anton Attard rigward ritratt ta' vettura li kienet fuq il-Fosos waqt l-armar ghall-kuncert ta' Joseph Calleja. Huwa wiegeb li meta nduna b'din il-vettura, kien ha azzjoni immedjata billi talab li l-vettura titnehha minn fuq il-Fosos u wara, kien ghalaq il-Fosos bil-barriers tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel li ladarba kien hemm ksur fil-kundizzjonijiet tal-hrug tal-permess, il-kumpanija NNG Promotions ghandha tigi mmultata is-somma ta' €70. Intant, il-Kunsill qabel li jirritorna d-depoziti tal-kuncerti ta Joseph Calleja u tal-Wintermoods bit-tnaqqis tal-multa msemmija hawn fuq.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur Martin Bugelli fejn informa lill-Kunsill li l-bye-law rigward l-uzu tal-Fosos ma setghetx tigi legalizzata minhabba li l-Fosos jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-Gvern Centrali. Il-Kunsill ma qabilx ma' din ir-raguni minhabba li l-Fosos dejjem kien taht ir-responsabbilta' diretta tal-Kunsill ghaliex mhuwiex imnizzel fir-Raba' Skeda tal-ligi u lanqas huwa indikat bhala eskluz mir-responsabbilta tal-Kunsill fis-site plan takkumpanja l-ligi.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand resident li talab li jsiru xi planters quddiem il-appartamenti l-godda fi Trejqet l-Imhazen. Il-Kunsill qabel li fil-jiem li gejjin, il-Kunsillier responsabbli ghandu jmur jaghmel spezzjoni fuq il-post biex jigi ddeterminat x'hemm bzonn isir.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-permessi tal-iskema ta' parkegg residenzjali kienu ser jiskadu fl-ahhar ta' Settembru. Il-Kunsill approva li ghandhom jinhargu permessi godda u qabel ukoll li l-persuni li huma eligibbli ghal din l-iskema u diga kellhom permess, m'ghandhomx jergghu ihallsu biex jinhargilhom il-permess-il gdid. Il-Kunsill qabel li l-permessi l-godda ghandu jkun ghal hames snin.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li la jkun lest il-Floriana Heritage Trail, il-Kunsill jidhol fi skema ta' Public and Private Partnership maz-zewg lukandi ewlenin tal-lokalita' u jitlobhom humiex interessati joffru servizz ta' gwida minghajr hlas ghat-turisti li jkunu nteressati f'mawra li tohodhom fil-postijiet principali tal-Floriana, dejjem skond il-Heritage Trail. Huwa zied jissuggerixxi li jekk jintlahaq dan il-ftehim, l-ispejjez annwali jinqasmu bejn it-tliet entitajiet. Il-Kunsill qabel.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa biex certu xoghol li ma jkunx jista' jsir filghodu minhabba t-traffiku, jibda' jsir filghaxija mill-haddiema tal-Kunsill u ghalhekk, flok matul in-nofs ta' nhar ta' filghodu il-hidma tal-haddiema ssir wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-IPSL ghall-approvazzjoni taghhom u f'kaz li dan ikun permess, il-Kunsill ghandu jipprocedi b'dan is-suggeriment.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Karl de Flavia ghaz-zebgha tal-arbli kollha tal-ground, u ghall-irrangar ta' cappetta ta' bieb. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur jibghat il-kwotazzjoni itemised.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Agent Direttur tal-Lottu Pubbliku fejn talab li jsir *reserved parking bay* quddiem id-dipartiment taghhom. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din it-talba.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jindika dawk il-parkeggi riservati ghall-persuni b'dizabbilta' li dawn huma riservati ghal persuni b'dizabilita' biex dawn jintgharfu minn parkeggi riservati ohrajn. Il-Kunsill approva.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-organizzaturi tal-kuncert ta' Rod Stewart li talbu lura d-depozitu li kienu hallsu qabel l-attivita'. Il-Kunsill qabel mar-rifond tad-depozitu izda qabel ukoll li minnu ghandha titnaqqas il-multa ta' €350 minhabba li x-xoghol tat-tindif taz-zona ma kienx soddisfacenti. Is-somma ta' €350 huma l-ispejjez li l-Kunsill kellu jhallas lill-kuntrattur tat-tindif.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Comune di Macerata fejn saqsew lill-Kunsill jekk ikunx interessat jghin biex jintbaghtu xi impjegati minn taghhom f'Malta biex jitghallmu l-lingwa Ingliza. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jara x'ser ikun is-sehem tieghu f'din it-talba qabel ma tittiehed decizjoni.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur Martin Bugelli fejn irrefera ghall-ittra mibghuta lis-Segretarju Parlamentari mill-kumpanija Road Servicing Ltd. li lmentaw dwar l-ghazla tal-Kunsill minhabba li ma kienetx giet maghzula l-orhos offerta'. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lill-Monitoring Unit ir-ragunijiet ghalfejn il-Kunsill kien ghazel lill-kumpanija Philip Agius & Sons. Ir-ragunijiet kienu mibnija fuq cirkostanzi precedenti fejn il-Kunsill kellu jittermina kuntratt minhabba nuqqas ta' xoghol sodisfacenti meta kien ghazel l-orhos offerta. Din id-darba il-Kunsill ghazel kuntrattur li l-Kunsill kellu diga esperjenza tax-xoghol tieghu, li kien xoghol tajjeb u dan peress li ma riedx li jerga' jigri bhal ma gara mal-kuntrattur precedenti fejn jintilfu kemm flus kif ukoll zmien biex terga' tinhareg sejha ghall-offerti ohra. Il-Kunsill zied jghid ukoll li l-Kunsill ha din id-decizjoni fid-dawl tal-fatt legali li l-Kunsill mhux obbligat jaghzel bilfors l-orhos offerta'. Intant, il-Kunsill ha decizjoni biex ma tinharigx l-ittra ta' accettazzjoni lill-kuntrattur maghzul mill-Kunsill, sakemm il-Kunsill jinghata twegiba mill-Monitoring Unit.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand St Andrew's Band Club li talbu lill-Kunsill jibghatilhom ir-regolamenti tal-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-loghob tan-nar tal-art mekkanizzat. Il-Kunsill ghandu jaghmel laqgha tas-sotto-kumitat li jiehu hsieb dan il-Festival biex jsiru l-emendi necessarji fir-regolamenti u jinhargu l-applikazzjonijiet.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar

skema/premju mnedija minn Vodafone favur progetti ta’ tisbih li saru matul dawn l-ahhar hmistax-il sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti Gnien Preziosi fl-applikazzjoni tieghu minhabba li dan kien l-ikbar progett ta’ tisbih li kien ghamel il-Kunsill matul dawn l-ahhar snin.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni biex jigi rrangat it-tarag ta’ taht il-Forka u forsi anke jizdied xi dawl imhaddem mis-solar panels f’dan l-istess tarag. Il-Kunsill qabel fil-principju u ghandu jqabbad lill-periti tal-Kunsill biex jipprezentaw stimi qabel tittiehed decizjoni dwar dan il-progett.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed iniedu skema ghal lokalitajiet sostenibbli. Il-Kunsill ghandu jara x’tinvolvi din l-applikazzjoni u jekk ir-rizorsi tal-Kunsill jippermettu l-Kunsill japplika ghal din l-iskema.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Ajax A.F.C li talbu li jibdew jaghmlu uzu mill-picc sintetiku. Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jaghti permess biex issir sezzjoni ta’ *training* darba fil-gimgha, ghal perjodu ta’ tliet xhur, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, VB, ET)
Kontra: 0

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-korrispondenza li tkun ser tigi diskussa waqt il-laghqa tibda’ titressaq quddiem il-Kunsilliera qabel il-laqgha. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jipprepara file fil-kamra tal-Kunsilliera, bil-korrispondenza li tkun ser tersaq fil-laqgha tal-Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li kwalunkwe decizjoni li tittiehed barra mil-laqgha tal-Kunsill titressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ghandha ssir skeda ta’ *internal memos* u jitressqu waqt laqgha tal-Kunsill biex dawn ikunu jistghu jigu rregistrati fil-minuti tal-laqgha li jkun imiss. Il-Kunsill qabel.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

**Nota: 16:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **42-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 16:07 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8823 sa 8859.

**Nota: 16:10 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8860 sa 8889, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, SSH, FD, VB)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Proposta ta' Bye-Laws dwar Attivitajiet fil-Berah

**Nota: 16:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-proposta ta' *bye-laws* dwar attivitajiet fil-berah kienet giet irrifjutata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghaliex skond dan id-dipartiment il-fosos jaqa' taht il-Gvern Centrali.

5.2 Is-Sindku issuggerixxa biex il-Kunsill jirrispondi fejn fil-ligi hemm indikat li l-fosos jaqa' taht il-Gvern Centrali u jekk kieku stess dan huwa minnu il-Gvern ilu jabbdika mir-responsabbilta' tieghu ghal ghexieren ta' snin minn kemm ilhom jezistu l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jibghat din il-*bye-law* lill-*media* biex ir-residenti jkunu jafu bl-inizjattiva li kien qed jiehu l-Kunsill Lokali biex jigu kkonservati l-Fosos. Il-Kunsill qabel.

## 6.0 Attivitajiet tal-massa fuq il-Fosos

6.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jillimita l-hrug ta' permessi ghal certi tipi t'attivitajiet anke minhabba li l-Fosos kien qed ikun ta' sikwit ikkapparrat minn attivitajiet li generalment ma jkunux ta' beneficcju ghall-komunita' Furjaniza in generali.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jopponi dawk l-attivitajiet li ma jkunux ta' beneficcju jew ikunu ta' beneficcju minimu ghar-residenti jew ghall-komunita' kummercjali.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jissuggerixxi li l-ghamara tat-triq m'ghandhiex titmiss fl-ebda attivita' organizzata fuq il-Fosos dan minhabba li l-ghamara dejjem gralha hsara jew damet biex regghet twahhlet u ghalhekk ta' spiss inholoq inkonvenjent ghar-residenti specjalment dawk li jiffrekwentaw il-Fosos ta' sikwit. Il-Kunsill qabel.

6.4 Il-Kunsill iddecieda biex kull talba li l-Kunsill jircievi ghall-attivitajiet fuq il-Fosos ghandhom jigu ikkunsidrati fuq il-mertu taghhom individwalment.

## 7.0 FlorianaFest 2010

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien talab lill-kantant Enzo Gusman ikanta l-innu tas-Sacro Cuor matul il-FlorianaFest u dan minhabba li hemm rabta storika bejn is-Sacro Cuor u l-Floriana.

7.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien informa lill-Rebecca D'Agostino bid-decizjoni tal-Kunsill li jonoraha matul din l-attivita' u li dan il-premju kien ser jigi prezentat lilha nhar il-Hamis minflok il-Gimgha minhabba li s-Sinjorina D'Agostino kellha xi impenji ohra.

## 8.0 Uzu tal-Picc Sintetiku tal-Futbol

8.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li minn mindu il-Kunsill kien insista li jkun hemm persuna ghassa mal-latrina tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, ir-rizultat kien wiehed tajjeb hafna minhabba li l-latrina kienet qed tinzamm nadifa u kien naqas il-vandalizmu.

8.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghall-ftuh u l-gheluq tal-picc sintetiku. Il-Kunsill qabel.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li fix-Xitwa, matul il-granet tal-iskola, jigifieri mit-Tnejn sal-Gimgha (eskluzi festi pubblici) il-picc jibda' jinfetah mis-2.00pm sat-8.30pm u jinkera mit-8.30pm sal-11.00pm. Dan il-ftuh jezenta l-hinijiet li fih ikun hemm it-tahrig tal-Floriana FC Nursery u/jew tal-Floriana Ajax AFC. Huwa propona wkoll li fil-vakanzi u fi tmiem il-gimgha, il-picc jinfetah mid-9.00am sat-8.30pm, apparti l-hinijiet li fih ikollhom is-sezzjoni ta' *training* il-Floriana Nursery.

8.4 Il-Kunsill qabel li fis-sejha ghal-offerti ghandu jitlob zewg alternattivi; wahda kwotazzjoni ghall-osservazzjoni matul il-gurnata u l-ohra ghal matul il-kirjiet biex imbaghad il-Kunsill ikun jista' jiehu d-decizjoni finali.

8.5 Rigward il-*camera* li twahhlet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vincent Borg ghandu jiehu hsieb japplika mal-Go plc. biex tkun tista' titwahhal il-konnessjoni tal-*internet* biex jibda' jkun hemm sorveljazzjoni f'kull hin.

**Nota: 16:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

8.6 Il-Kunsill qabel li r-rata tal-kirja ghal loghba ta' siegha ghandha tkun ta' 25 ewro.

8.7 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog *bye-laws* rigward l-uzu ta' facilitajiet biex ikun jista' jsir il-kiri tal-picc fost facilitajiet ohrajn.

**Nota: 17:00 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

8.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li jsiru xi bankijiet li jharsu lejn il-picc sintetiku specjalment ghall-genituri tat-tfal li jkunu qed jilaghbu fil-picc. Il-Kunsill qabel.

## 9.0 Għażla tal-Offerti :

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fejn iddiskuta l-offerta t'hawn that u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.

### 9.1 Provvista ta' bins

9.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies biex tintaghzel l-offerta' ta' Anton Zarb fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li l-mudell tieghu A-007 huwa irhas mill-mudell simili ta' SR Environmental Services u l-mudell PET 540 huwa l-irhas bin klassiku tal-hadid li jesa' iktar minn mitt litru, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0

### 9.2 Provvista u Installazzjoni tal-Platform Lift

9.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies

biex tintaghzel l-offerta' ta' Titan International fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u tal-perit tal-Kunsill peress li kien l-uniku offerent li tefa l-offerta ghal-modifiki mitluba mill-MEPA fil-hrug tal-permess tal-istess MEPA. Ir-rizultat tal-mozzjoni kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0

## 10.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara li kien ikkonsulta mal-membru tas-sotto-kumitat ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena, huwa kien informah li l-Kunsill kien ghadu ma kkuntattjax lill-grupp Wintermoods biex jinformahom bil-kuntrattur li kien intaghzel biex jiehu hsieb is-sound dakinhar tal-attivita'.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li ghandha ssir laqgha tal-istess sotto-kumitat mal-kuntrattur tal-Kunsill mill-aktar fis possibli.

10.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa wkoll li l-Kunsill jikteb lill-Assistent Kummissarju fil-bidu ta' Settembru jekk il-Kunsill ikun ghadu ma jkollux risposta sal-ahhar t'Awwissu rigward il-permess ghal din l-attivita'.

## 11.0 Tindif Pubbliku fil-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland insista li matul is-servizz tal-*Bulky Refuse* ma jingabrux aktar minn zewg oggetti kif jistipula l-kuntratt.

11.2 Il-Kunsill qabel li l-kariga tas-servizz ta' *bulky refuse* tkun ir-responsabbilta' tas-Sindku Nigel Holland.

11.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jsaqsi l-kuntrattur jekk iridx li jingabar materjal tal-bini domestiku peress li huwa jista' jirrifjuta skond il-kuntratt. .

11.4 Is-Sindku Nigel Holland propona li kull entita' mhux lokali, specjalment ufficcini privati u governattivi, ghandhom ihallsu ghas-servizz tal-Bulky Refuse peress li dan is-servizz huwa offrut b'xejn lir-residenti u lis-sidien tal-hwienet biss. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:55 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

11.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kellu laqgha mad-Direttur tal-Cleansing Department li nfurmah li kellhom izidu l-frekwenza tat-tindif fiz-zoni fil-konfini tal-Floriana li jaqghu taht il-Gvern Centrali.

11.6 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-frekwenza tat-tindif tal-kuntrattur tal-Kunsill tintbaghat lir-residenti kollha fi djarhom. Il-Kunsill qabel.

11.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tat-tindif kien talab zieda ta' 200ewro fix-xahar minhabba xoghol tat-tindif taz-zona tal-Park and Ride li kien qed ikun mitlub jaghmel u li mhux imnizzel fil-kuntratt, dan sakemm jinhareg il-kuntratt il-gdid. Wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni ta' din l-ispiza, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH,FD,VB,SSH)
Kontra: 0

## 12.0 Zvilupp ghal Cruiseliners f'Barriera Wharf

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi rrefera ghal-laqgha li l-Kunsill kellu mal-konsulent tal-Kunsill proprju qabel il-laqgha tal-Kunsill.

12.2 Il-Kunsill qabel li fil-kummenti li ghandu jibghat lill-MEPA ghandu jitlob kjarifika dwar fejn ser isir l-operat tal-cruiseliners u jekk dan hux ha jaffettwa lill-lokalita' taghna permezz ta' generazzjoni ta' aktar traffiku. Dan peress li l-izvilupp ser isir fil-konfini tal-Belt Valletta li izda jista' jkollu impatt fuq il-lokalita' tal-Floriana f'kaz li jintuza l-istess operat tat-terminal ezistenti u ma jkunx separat.

12.3 Il-pozizzjoni tal-Kunsill ghandha tkun li jintalab traffic management plan u garanziji li l-impatt fuq il-lokalita' tal-Floriana jkun wiehed minimu f'kaz li dan l-izvilupp ser juza l-istess terminal li hemm fil-Floriana.

**Nota: 18:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

## 13.0 Zjara tal-Banda Salvadei ta' Macerata fil-Floriana

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fil-progett tal-Kunsill li gie approvat mill-Kummissjoni Ewropea biex jinghataw fondi sabiex il-banda Salvadei ta' Macerata tigi ddoqq fil-Floriana fil-granet tal-festa tal-lokalita'.

13.2 Is-Sindku fakkar fil-laqgha tas-sotto kumitat rigward din il-materja fejn jidher li hemm accettazzjoni biex din il-banda iddoqq flimkien mal-Banda Salvadei lejliet il-Festa ta' San Publju.

13.2 Il-Kunsill qabel li s-sotto-kumitat ghandu jiddetermina kemm se tkun l-ispiza totali wara li jkun ikkonsulta l-programm taz-zjara.

**Nota: 18:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 14.0 Ħwejjeg Oħra

14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li jinzebghu *double yellow lines* fi Triq il-Mall man-nah tal-gnien tal-Mall, tul l-ahhar blokk u dan peress li f'din il-parti t-triq tidjieq. Il-Kunsill approva.

14.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn individwu li talbu jivverifika xi xoghol li kien qed isir fil-lokalita' tal-Marsa. Il-Kunsill qabel li ladarba dan ix-xoghol mhux qed isir fil-konfini tal-Floriana, il-persuna li ressqet din it-talba ghandha tigi mitluba tikkonsulta lill-MEPA jew lis-Supretendent tal-Fortifikazzjonijiet.

14.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggerit li l-Kunsill jissuggerixxi lil *bars* tal-Floriana jaghmlu *ashtray* mal-hajt taghhom minhabba li quddiem l-entraturi tal-istess *bars* ta' sikwit kien qed ikun hemm hafna sigaretti mormija mal-art. Il-Kunsill qabel.

14.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili irrakkomandat li jinbidel il-kulur tal-qomos tas-Sajf tal-uniformi tal-impjegati. Il-Kunsill qabel.

14.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li jsir tournament tad-drafts fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-kirja tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien wasal biex jiskadi u ghalhekk il-Kunsill ried johrog sejha ghall-offerti. Huwa ssuggerixxa biex fis-sejha ikun hemm *right of first refusal* meta jigu kkunsidrati l-offerti. Il-Kunsill qabel li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

14.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ghandhom jitkahhlu l-fili tal-bankina fi Triq is-Suq. Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xoghol kemm fit-Triq is-Suq kif ukoll fi Triq Antonio Agius.

14.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li jigi organizzat *barbecue* fi Gnien Preziosi ghall-habta ta' Settembru. Il-Kunsill qabel.

14.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk ghandhomx cwievet il-*bins* ta' hdejn il-*Floriana Nursery*. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dawk il-*bins* m'humiex bic-cwievet.

14.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li hdejn il-*Floriana Nursery* hemm gandott li ghandu bzonn jigi rrangat. Il-Kunsill qabel li ladarba dan ma jaqax taht ir-responsabbilta' tieghu, ghandu jinsisti mad-dipartiment ikkoncernat biex dan jigi rrangat mill-aktar fis.

14.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn persuna li kienet waqghet fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi l-ilment ta' din il-persuna lill-Gvern Centrali peress li din it-triq hija wahda arterjali.

## 15.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-22 ta' Settembru 2010 fis 2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.35.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |